# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 9 ta' Jannar 2019**

**Rikors Guramentat Nru: 450/2018**
**Kawza Numru : 26**

**RB**
**U**
**CB**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt u guramentat ta' RB u CB, datat 5 ta' Ottubru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-kontendenti zzewgu f'Malta nhar 27 t'Awwissu, 2005 (certifikat taz-zwieg mehmuz u mmarkat DOK A) u minn dan iz-zwieg twieldet tifla u cioe' AB li twieldet nhar it-2 ta' Settembru, 2010;*

*Illi l-kontendenti kienu sseparaw minn ma xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppublikat minn nutar Dr Alicia Agius nhar is-7 t'April, 2016 (kuntratt mehmuz u mmarkat DOK B);*

*Illi kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, il- konjugi kienu fis-separazzjoni taghhom irregolaw inter alia l-obbligi tal-hlas tal-manteniment billi kienu ddikjaraw illi huma rrinunzjaw ghad-drittijiet rispettivi taghhom illi*

*jitolbu u jircievu manteniment minghand xulxin. Fir-rigward tat-tifla minuri tal-Partijiet, il-manteniment qieghed jithallas puntwalment u minghajr problemi;*

*Illi kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, minkejja illi dan ta' l-ahhar gie ppublikat nhar is-7 t'April, 2016, il-partijiet ilhom jghixu mhux flimkien, ghal kollox separat minn ma xulxin, sa minn Settembru 2014, kif jirrizulta mill-istess kuntratt ta' separazzjoni fil-premessa 1 u ghalhekk ghaddew oltre erba' (4) snin mid-data tas-separazzjoni de facto bejn il-partijiet;*

*Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;*

*Illi ghalhekk, il-kondizzjonijiet mahsuba fl-artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-kontendenti kienu sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni surriferit, m'huwiex mehtieg illi jsir medjazzjoni bejniethom;*

*Ghaldaqstant, illi z-zwieg ta' bejniethom huwa mahlul u ghalhekk tippronunzja d-divorzju bejniethom;*

*Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-Partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skont il-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazjoni mid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**CB** xehdet a fol 36 *et seqq* illi l-partijiet izzewgu fis-27 t'Awissu 2005 u kienu ottjenew separazzjoni legali fis-7 t'April 2016 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni bonarja. Xehed illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifla wahda, li llum il-gurnata ghandha tmien snin. Xehdet illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament sa minn Settembru tal-2014, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**RB** xehed a fol 39 *et seqq* u kkonferma ix-xhieda moghtija minn CB.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
***[...]***

***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***[...]***

Il-Qorti rat jirrizulta illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 7 t'April 2016 fl-atti tan-Nutar Dottor Alicia Agius, debitament awtorizzat mill-Qorti, u ilhom jghixu separatament sa minn Settembru 2014 – vide Dok 13 a fol 4 et seqq.

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat illi gie pruvat inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**